KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 48

It-tmienja u għoxrin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 26 ta' Novembru 2015 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | *Lisa Cassar Shaw* | *Kunsillier* |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsilliera |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Proġetti dwar Traffic Management/on street parking*
6. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
7. *Aġġornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 47_28/10/2015.

1.2 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier P. Portelli ssekonda. Kien hemm approvazzjoni fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

*Daħal il-Viċi Sindku għas-seduta 6.17pm*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 B'referenza għal punt 2.1 ta' l-aħħar seduta l-Kunsill ġie infurmat li l-kumitat għandu jerġa jfakkar lil ELC għat-tibdiliet li kellhom li jsiru. Manutenzjoni ta' *soft areas*

2.2 Dwar punt 2.3 ta' l-aħħar seduta, is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera jekk għandhomx ismijiet ta' persuni li jistgħu ikunu *street leaders* għal *monitoring* dwar il-knis, jagħmlu dan mill-aktar fis għaliex hemm bzonn li tingħata spinta sabiex ikun hemm aktar kontrol. Sadanittant is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li l-*contracts manager* fuq suġġeriment tal-Kunsillier J Pillow qiegħed jagħmel kuntatt lura mar-resident li jkun għamel ir-rapport dwar it-tindif tat-toroq. *Street leaders - Knis*

2.3 Dwar is-sistema ta' *datatrak* għal *monitoring* tal-knis il-Kunsillier P. Radmilli propona li l-Kunsill jista japplika għal fondi tal-EU dwar proġetti relatati mal-IT u dan jista jsir sa April 2015. Kien hemm qbil dwar dan u s-Segretarju Ezekuttiv qal li sadanittant ikun jista jitlob għal stima. *Sistema ta' datatrak għal knis*

2.4 Dwar l-*ECO Wardens* is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-LESA u wegħdu li malli jkollhom *ECO wardens* Tas-Sliema se tkun minn tal-bidu li jibgħatu. *ECO Wardens*

2.5 Il-Kunsilliera M. Aquilina fakkret dwar il-problema tal-iskips tal-*catering establishments*. Il-laqgħa għad trid issir. *Skips- catering establishments*

2.6 Il-Kunsillier J. Pillow xtaq jiċċara min hu responsabbli li jnaddaf iċ-*centre strip* ta' matul ix-Xatt/Tigne jekk hux CSD jew il-kuntratturi tagħna. *Tindif ta' Centre strip*

*Daħlet il-Kunsilliera V. Galea Pace fis-18.40*

2.7 Il-Vici Sindku informa li dwar punt 2.9 dwar il-*hawkers* se jiltaqgħu il-gimgħa d-dieħla. *hawkers*

2.8 Is-Sindku propona li dawk il-*poles* ta' fuq il-bankina li mhumiex mal-ħajt jitressqu ħalli l-bankina tkun aktar aċċessibbli għal kulħadd. Kien hemm qbil dwar dan. *Poles jitressqu mal-ħajt*

2.9 Is-Sindku rrefera għal punt dwar *il-handyman* tal-Kunsill u propona li ssir l-uniformi għall-ħaddiema tal-Kunsill. *Uniformi għal handyman*

2.10 Dwar il-*camera* biex titpoġġa fi Qui Si Sana il-Kunsill se jerġa jfakkar lis-Sur Ramon Deguara. *Camera*

2.11 Dwar punt 2.14 is-Sindku qal li dak li kien intqal li *Tourism Zones* se jkunu qegħdin joffru lill-Kunsill issa ġie kkonfermat ukoll bil-miktub. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li t-tenders relatati qegħdin jiġu preparati. Fir-rigward tat-tender tal-blat tal-Exiles huwa lest u qed jigi verifikat minhabba *green public procurement*. Fir-rigward tat-tender dwar l-*outdoor gym* għad irid jiġi komplut u s-Segretarju Ezekuttiv qal li jixtieq jiddiskuttih mal-Kunsillier Pillow qabel ma jkun jista joħroġ. *Tourism Zones*

2.12 Is-Segretajru Ezekuttiv irrefera għall-pagament li kien ġie mizmum fl-aħħar seduta, pagabbli lill-ARMS dwar konsum tal-ilma fi Pjazza Bisazza. Il-Kunsilliera ġew infurmati li dan kellu jitħallas biex il-Kunsill seta japplika għal *temporary applications* għall-armar tal-Milied għaliex il-proċedura tal-ARMS hi li jekk ikun hemm pagament pendenti l-applikazzjoni ma tkunx tista tiġi proċessata. *Tizjin tal-Milied*

2.13 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn *Sliema Business Community* fejn qegħdin jitolbu li għalkemm il-Kunsill kien ħa deċizjoni li ma jistax joħroġ flus għal tizjin fit-toroq għal Milied jistax iħallas l-applikazzjonijiet u l-konsum tad-dawl. Talbu wkoll li l-Kunsill iħallas għas-*sound* tad-diski li jindaqqu fit-toroq matul il-ġranet tal-festi. Is-*sound* jiġi jiswa lill-Kunsill mhux iktar minn Ewro 1164. Talbu wkoll biex il-Kunsill iwaħħal l-arbli għat-tizjin tal-Milied li jiġu jiswew madwar Ewro 1000. Il-Kunsillier J. Pillow qal li se jipprova mal-MTA biex ituna xi *sponsorship*. Il-Kunsill qabel ma dawn l-ispejjes.

2.14 Is-Segretarju Ezekuttiv ġibed l-attenzjoni li jkun tajjeb jekk issib

*sponsorship* għaliex diġa l-Kunsill ma zamx mal-budget u skont il-kalkuli dak li l-Kunsill kien mingħalih li se jiffranka madwar Ewro 20,000 mit-tizjin għaliex kien iddeċieda li din is-sena ma nzejnux, se inkunu qegħdin niffrankaw biss madwar Ewro 10,000 li jinvolvu spejjes tad-dawl, arbli, pulizija, *sound*, u l-attivita *Sliema Wirt u Niesha* ecc.

2.15 Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li jekk ma jingħatax tip ta' *sponsorship* li l-ispejjez jiġu *refunded* xorta waħda isiru dawn l-affarijiet li għadu kif sar qbil fuqhom f'punt 2.13.

2.16 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li jekk se noqgħodu attenti wieħed irid joqgħod attent għal kollox. Irrefera għal pagamenti u nnota li l-bank li l-Kunsill waħħal fi Triq Dingli jiswa madwar Ewro 600. U speċifka li mhux għax twaħħal bank izda l-ammont li jiġi jiswa.

2.17 Il-Viċi Sindku irrefera għal 4.1 dwar il-*junction f'Tower Road* u saqsa min hu l-*case officer*. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li l-Kunsill kellu jsaqsi għal parir tal-perit tagħna. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li hu saqsa l-perit tal-Kunsill, fejn talab li niktbu etikament lill-perit Vassallo jekk jixtieqx ikompli bil-kaz u jekk ma jirrispondix fi zmien ġimgħatejn il-perit tagħna ikun jista jmexxi. Il-perit Vassallo irrisponda u allura l-Kunsill għadu bl-istess pozizzjoni li jistenna l-azzjoni min-naħa tal-perit Vassallo. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv għandhom jiltaqgħu il-ġimgħa d-dieħla dwar dan. *Junction*

2.18 Il-Viċi Sindku qal li dwar iz-*Zebra Crossing* qal li għadu ma wasal imkien

2.19 Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li jridu jitwaħħlu tlett *beach ladders* għal min jibqa jgħum fix-Xitwa. *Beach ladders*

2.20 Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għal punt 4.5 dwar il-laqgħa li l-Kunsill kien talab mal-Onoroveli Stefan Bontempo dwar l-allokazzjoni finanzjarja. Spjega li din saret u peress li normalment flus zejda ma jkunux jistgħu jagħtu pprezentalu madwar erba soluzzjonijiet kif il-Gvern Centrali ikun jista jgħin bħal ezempju jnaqqsulna l-konsum tad-dawl mil-Gnien, ecc l-Onorevoli Bontempo għandu jagħti risposta. *Financial recommendations*

2.21 Il-Kunsillier D. Muscat irrefera għall-punt 4.6 dwar l-attivita 'Tas-Sliema Wirt u Niesha'. Informa li kien hemm b'kollox 39 *Tas-Sliema Wirt u Niesha*

nominazzjoni. Is-seduta ġiet sospiza fis-19.20pm minħabba r-rizultat li ħejja l-bord tan-nominazzjonijiet. Is-Sindku spjega kif il-bord ipproċċeda dwar l-għazla u propona li l-Kunsill għandu joqgħod fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-bord. Kien hemm qbil dwar dan.

2.22 Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li għas-sena d-dieħla ikun hemm distinzjoni bejn ir-rebbieħa dawk li għadhom ħajjin u dawk li m'għadhomx magħna, u f'dak il-kaz ma jingħatax premju lill-familjari tal-mejjet izda jingħata rikonoxximent. Is-Sindku zid jgħid ukoll li għas-sena d-dieħla għandu jkun hemm membri fil-bord ta' eta' varja. Kien hemm qbil ma dan kollu.

2.23 Il-Kunsillier D. Muscat irringrazzja lis-Sindku, lis-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsillier J. Pillow ta' l-għajnuna rigward *sponsorships*. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-applikazzjoni li intbgħatet għall-fondi mid-DLG dwar proġett kulturali ghal Dicembru 2015 ma ġietx milqugħa ghal din l-attivita, għaliex il-Kunsill ma laħaqx il-kriterji. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill għandu jara r-raġuni ħalli jekk jerġa jkun hemm opportunita l-Kunsill ikun jista jerġa japplika. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill għandu jitlob għar-rapport dettaljat dwar l-għazla mill-applikazzjoniet li kien hemm. Kien hemm qbil dwar dan.

2.24 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li jista jkun ikun hemm min jattendi mingħajr l-invit. Kien hemm qbil li l-Kunsill jkollu *security officer* li jkun jista jilqa' lin-nies bl-invit għas-serata tal-Ġimgħa.

2.25 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jkun tajjeb li għas-serata ikun hemm *cloak room*. Kien hemm qbil dwar dan.

2.26 Il-Viċi Sindku irrimarka dwar 'no parking stickers' li qegħdin jingħataw mal-permessi ta' makkinarju jew għeluq tat-toroq. Zid jgħid li qiegħed ikun hemm diversi problemi għal min ikun irid jaħdem għaliex ikun hemm min xorta jipparkja. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li l-Kunsill kien diġa qabel li ssir xi tip ta' *bye law*. Kien hemm qbil li għandu jibda l-proċess għal *bye law* mill-aktar fis u nkellmu lill-avukat. *No parking stickers*

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw għas-seduta 20.02*
*Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier D. Muscat ġew skuzati li jitilqu fit-20.10pm*

2.27 Fir-rigward tan-*no parking stickers* il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li qiegħed ikun hemm min iħallihom imwaħħlin anke wara li jkunu tlesta x-xogħol. Il-Kunsill għandu jibda jfakkar lill-applikant.

2.28 Il-Kunsilliera M. Aquilina irreferiet għal punt 5.1 dwar l-SAF 2015 u qalet li hi ma kinitx infurmata li post mortem ġie diskussa bejn il-kumitat umbghad fil-Kunsill. Qalet li hi xtaqet tressaq xi punti bħala evalwazzjoni biex għall-attivita li jmiss ċertu nuqqasijiet ma jirripettux ruħhom. Semmiet bħal per ezemju li kien hemm xi bar partikolari li xtaqet tgħaddi xi kummenti kif aġixxa mal-klijenti u l-prezzijiet li beda jbiegh bihom. Qalet li hemm diversi punti oħra li xtaqet tressaq. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-ebda kunsillier ma waqafa li tressaq il-punti fl-ahhar laqgha tal-Kunsill, fejn din il-materja kienet punt fuq l-agenda. Il-Kunsillier P. Portelli issekonda, u qal lill-Kunsilliera M. Aquilina li jekk trid tibgħat dawn il-punti jew suġġerimenti tibgħathom e-mail u jiġu diskussi zgur. *SAF*

2.29 Is-Sindku qal li n-nuqqasijiet tal-attivita ta' din is-sena l-Kunsill irid jindirrizhom biex għal li jmiss ma jerġgħux jirrepetu ruħhom. Għandha tkun Agenda item f'waħda mis-seduti meta tkun qegħda toqrob din l-attivita u kulħadd jagħti l-oppinjonijiet tiegħu lill-kumitat.

2.30 Il-Kunsillier P. Radmilli talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jiġbor il-kummenti kollha li ġie diskuss fil-post mortem bhala Minuti u jibghatom lill-Kunsilliera permezz ta' e-mail. Il-Kunsillier J. Pillow talab li jsir rendikont ta' x'ħallas il-Kunsill u x'fadal jitħallas.

2.31 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal *Environmental Planning Statement* dwar l-impatt tat-traffiku f'Townsquare u qal li għadu fil-proċess li jaqra fid-dettal għaliex huwa dokument kbir. *TownSquare*

2.32 Dwar il-proġett tal-*park and ride* u l-fondi ta' Ewro15,000 li kienu ntrebhu biex isir studju fid-dettall ta' din il-proposta ghal progett tal-Kunsill, il-Kunsill għad irid jara jekk jista juza il-fondi ghal *car park* għaliex bhalissa għaddeja nkjesta dwar kif kienu originarjament inghataw dawn l-istess fondi.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti.

3.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina talbet li issir kjarifika ta' pagament indirrizzat lil Montdiac Ltd. Id-deskrizzjoni trid tinqara 'accomodation' u mhux 'room service' kif qegħda mnizzla fl-iskeda. *Kjarifikazzjonijiet dwar il-pagamenti*

3.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-pagament lis-Security Service dwar *cash in transit services*. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill se joħroġ *call for quotations* għaliex il-prezz ta' dawn li għandna prezenti sar aktar għoli milli kien. Il-Kunsillier J. Pillow qal li mhux sew għall Kunsill li jħallas is-sehem kollu hu meta l-flus li jiġu depozitati ma jkunux kollha għal Tas-Sliema. Is-Segretarju Ezekuttiv qabel, u qal li għandu jkun hemm xi tip ta' *commission* hija xi ħaġa li trid tara l-LESA jew ir-Regjun.

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow talab kjarifika dwar il-pagamenti lil-JGC. Ġie prezentat il-kont.

3.5 Is-Sindku ressaq l-pagamenti ghall-approvazzjoni. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti.*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-offerti tat-tenders/kwotazzjonijiet

4.2 Dwar l-kwotazjonijiet ghall-*printing* tal-fuljett tal-Kunsill kellu offerta waħda. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill mexa b'dik il-waħda għaliex ukoll ma tantx kien fadal zmien minħabba li l-fuljett kellhu jitqassam qabel l-attivita *Tas-Sliema Wirt u Niesha*. Dan kien ta' Guttenberg Press Ltd. *Magazine*

4.3 Dwar is-survey is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill kellhu erbgha offerti. Il-Kunsill qabel li jagħzel l-offerta tal-MISCO ghax hija l-irħas offerta u l-kwotazzjoni hi dettaljata. *Survey*

4.4 Dwar l-*litter bins* is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien hemm offerti b'diversi *options*. Kien hemm qbil li tintgħazel l-irħas offerta fuq zewg *bins* tal-kumpanija SR Environmental Solutions. *Litter bins*

4.5 Dwar l-*Insurance* kien hemm zewg offerti minn *Island Insurance* u *Accord Insurance*. Is-SE spejga li illum ircieva email minn *bidder* minnhom fejn informa li għamel kalkoli zbaljati min-naħa tiegħu u b'hekk varja l-ammont. Dan issa ġie l-aktar għoli. Fir-rigward tal- *Insurance*

applikant l-ieħor dan tefa diversi *options*. Il-Kunsilliera M. Aquilina fakkret li l-Kunsill irid jitlob parir lill-avukat dwar dan. Kien hemm qbil li nressqu dawn l-offerti għall-parir tal-avukat fejn il-Kunsill jara jistax jagħzel jew jirtira l-offerti u tissejjaħ talba oħra.

## 5. PROGETTI DWAR TRAFFIC MANAGEMENT/ON STREET PARKING

5.1 Is-Sindku ressaq petizzjoni mir-residenti ta' Tigne li jridu li l-Kunsill jerġa joffri s-servizz ta' trasport ċirkulari. Is-SE informa li r-rotta ġdida tat-trasport pubbliku kif ġiet formolata mit-Trasport Malta, tal-linja tar-rotta bin-numru 110 ma tgħaddix minn xi toroq f'Tas-Sliema. Il-Kunsill se jsaqsi għal vettura izgħar. Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li se tiltaqa mas-Sur Haig rigward dan is-servizz għal trasport ċirkulari. Is-Sindku għandu jattendi wkoll. *Circular bus service*

5.2 Kien hemm suġġeriment li tizdied *bus stop* fin-nofs ta' Triq Rudolfu. Din għandha tiġi diskussa waqt il-laqgħa mas-Sur Haig.

5.3 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw saqsiet min se jkun qiegħed iħallas għal dan is-servizz jekk hux il-Kunsill jew ir-residenti għaliex meta kienet tkellmet mal-Ministeru konċernat kienet tagħmel differenza. Ma kienx hemm deċizjoni konfermata dwar dan. Il-Kunsill kien talab għal stimi u kienu ftit għolja.

5.4 Il-Kunsillier P. Radmilli propona li kieku l-Kunsill ikollu *electric vehicles* ikun jista jidħol fi skema.

5.5 Is-Sindku prezenta set ta' pjanti 'Dok A' ta' diversi proposti dwar *traffic managment* aħjar u zieda *f'on street parking* kif ġew imressqa mil-kumitat tat-traffiku. Fil-Kunsill li jmiss il-Kunsill se jkun jaf kemm se nirbħu aktar parkeġġi. Il-Kunsilliera huma mistiedna jagħtu l-kummenti tagħhom dwar dan li ġie diskuss.

## 6. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

6.1 Ma kienx hemm aktar suġġerimenti

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Is-seduta ntemmet fid-9.55pm. Seduta oħra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2015 fis-6pm.

Minuti approvati llum 14/12/2015

**Anthony Chircop**

**Sindku**

**Matthew Dimech**

**Segretarju Eżekuttiv**